**QORTI CIVILI - PRIM’AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta’ Gunju 2024**

**Kawża Numru: 3**

**Fl-atti tal-mandat ta’ Inibizzjoni nru. 244/2017/1 LSO**

**Polygon International Group Limited (C67297) u Chestertons Sliema Limited (C76730)**

**vs**

**Christopher Pace (K.I. 543765M) u Boutique Properties Limited (C54843)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors illi permezz tieghu r-rikorrenti Polygon International Group Limited premettiet u talbet kif isegwi:

'1. Illi permezz ta' digriet data 14 ta' Frar 2017, din l-Onorabbli Qorti akkordat proviżorjament il-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet hawn fuq elenkati;

2. Illi għaldaqstant, l-intimati ġew provizorjament inibiti milli:

(i) Ikomplu, b'mod abbużiv u mingħajr ebda awtorita', jaqtgħu l-aċċess tar-rikorrenti għall-'email accounts' ta' Chestertons Gżira;

(ii) Ikomplu, b'mod abbużiv, jikkuntattjaw lill-ħaddiema, aġenti u fornituri tas-servizzi tar-rikorrenti u ta' Chestertons Gżira Ltd (C76731), fejn dan il-kuntatt ikun intiż biex joħloq ħsara fin-negozju ta' Chestertons Gżira, jħajjar lill-istess ħaddiema, aġenti u fornituri tas-servizzi biex ma jkomplux joffru s-servizzi tagħhom lir-rikorrenti u minflok joffruhom lill-intimati;

(iii) Ikomplu jemendaw is-sit elettroniku ta' Chestertons Gżira b'mod li jippreġudika serjament l-interessi tar-rikorrenti;

(iv) Ikomplu jxerrdu qlajjiet u informazzjoni qarrieqa rigward ir-rikorrenti u l-azzjonisti tar-rikorrenti;

(v) Ikomplu, b'kull mod possibbli, jagħmlu ħsara deliberata fin-negozju ta' Chestertons Gżira, u fis-sehem u l-interess tas-soċjetajiet rikorrenti f'Chestertons Gżira;

3. Illi sussegwentament, u senjatment wara li l-intimati ġew notifikati bil-mandat akkolt proviżorjament, l-intimati komplew jikkaġunaw ħsara fin-negozju ta' Chestertons Gżira u fl-interess tar-rikorrenti fl-istess Chestertons Gżira, u dan billi qatgħu l-aċċess tar-rikorrenti għall-*Property Access Database,* liema *database* hu indispensabbli biex wieħed jopera n-negozju ta' *real estate agency.*

Għaldaqstant l-intimati impossibilitaw it-tkomplija tan-negozju ta' Chestertons Gżira mir-rikorrenti;

4. Illi oltre l-intimati abbużivament komplew jemendaw is-sit elettroniku ta' Chestertons Gżira billi biddlu l-indirizzi elettroniċi u n-numri ċellulari li huma murija fuq is-sitt elettroniku b'tali mod li ma baqgħux jidhru d-dettalji tar-rappreżentanti tar-rikorrenti. Għaldaqstant kwalunkwe persuna interessata fil-proprjetajiet reklamati fuq is-sit elettroniku ma tista bl-ebda mod tikkuntattja lir-rappreżentanti tar-rikorrenti, u dan minkejja li l-partijiet kienu ftehmu li Polygon International Group Limited kellha tmexxi l-operat tal-fergħa ta' Chestertons ġewwa l-Gżira, filwaqt li l-intimata Bontique Properties Ltd kellha tieħu rwol passiv (ara Klawsola 4 tal-*Partnership Agreement* esebit bħala Dok A flimkien mal-Mandat *de quo*). Qiegħed jiġi anness **Dok P1** li jikkonsisti fi *screenshot* tas-sit elettroniku kif kien oriġinarjament u anke għal perjodu qasir wara li l-mandat ġie akkordat (indikat bin-numru 1, b'isem ir-rappreżentanti tar-rikorrenti indikati b'żewġ vleġeġ); u kif ukoll *screenshot* tas-sit kif ġie emendat fil-mori tal-proċeduri odjerni (indikat bin-numru 2);

5. Illi ulterjorment l-intimati baqgħu jippersistu fl-aġir tagħhom kif dedott fil-mandat, inkluż bil-qtugħ tal-aċċess tar-rikorrenti għall-*email accounts* ta' Chestertons Gżira, u dan bi ksur flagranti tal-mandat ta' inibizzjoni li ġie proviżorjament akkordat minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull provediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun:

i. Issib lill-intimati Christopher Pace u lis-soċjeta' Boutique Propreties Ltd ħatja ta' disprezz għall-awtorita' tagħha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

ii. Konsegwentament tikkundanna lill-istess intimati għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XVII fuq l-imsemmi, partikolarment bil-piena kif ikkontemplata fl-Artikolu 1002 tal-Kap 12 kontra l-intimat Pace u r-rappreżentanti legali tas-soċjeta' intimata Boutique Properties Ltd f'każ illi l-piena ma titħallasx;

u dana billi tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jibda l-proċeduri idoneji kontra l-intimati għad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.'

Rat ir-risposta ta' Christopher Pace et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-hrug tal-mandat in ezami giet revokata permezz ta' decizjoni ta' din l-istess Qorti li ggib id-data 13 ta' Marzu 2017 u li r-rikors tas-socjeta' rikorrenti tas-7 ta' Marzu 2017 ghar-rigward ta' l-allegat disprezz ghall-awtorita' ta' din il-Qorti ghandu jimmerita li jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti;

2. Illi primarjament l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti li l-esponent huwa hati ta' disprezz ghall-awtorita' tal-Qorti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

   2.1 Illi jigi rilevat li l-mandat t'inibizzjoni provizorju llum m'ghadux fis-sehh ghax gie revokat;

2.2 Illi l-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-esponenti gie revokat inkwantu ma jissussitux l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' dan il-mandat u ghalhekk ma seta' kien hemm l-ebda disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti meta sa mill-bidu ma kienx hemm l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' mandat;

2.3 Illi fid-decizjoni ta' revoka tal-mandat t'inibizzjoni, il-Qorti fid-decizjoni taghha qablet ma' l-esponenti li n-*notice period* huwa ntiz sabiex il-partnership jigi *wound down:*

> *"Il-Qorti taqbel mat-tezi ta' l-intimati li d-drittijiet li jemanu mis-shubija bejn il-kontendenti ghandhom jinzammu distinti mid-drittijiet koncessi ghall-uzu tat-Trade Mark Chesterton, liema dritt jemani mit-Trade Mark Licence Agreement iffirmat minn Chesterton Global Limited bhala l-Licensor, BPL bhala the Associate, u PIGL bhala the Licensee.*
>
> *Minn dan jirrizulta li l-fonti tad-dritt pretiz mir-rikorrenti fuq is-sit web, wiehed mill-ilmenti principali taghhom ghall-hrug ta' dan il-mandat, huwa proprju l-koncessjoni tas-sub-license ghall-uzu tat-Trade Mark. Ir-rikorrenti stess jammettu li s-sit web huwa gestit minn Chesterton u mhux Chesterton Gzira.",*
>
> *Illi fil-fatt Chesterton Global Limited, b'ittra datata 16 ta' Frar 2017, mibghuta lis-socjeta' rikorrenti fejn is-socjeta' PGIL giet notifikati bl-intenzjoni ta' Chesterton Global li tittermina l-ftehim bejniethom;*

*Illi l-istess decizjoni tal-Qorti tafferma li "jidher car mill-ittra ta' terminazzjoni li l-Licensor qed iqis li l-ftehim huwa tterminat 'With immediate effect'";*

2.4 Illi l-Qorti kkunsidrat li s-socjeta' rikorrenti ma prruvatx li ghandha xi jedd *prima facie* ghall-uzu u t-tgawdija tal-website u tat-Trade Mark Chesterton billi dan kollu jidhol fil-qafas tal-franchise li jappartjeni lid-ditta estera u li llum hija tterminata almenu fil-konfront tas-socjeta' PIGL;

2.5 Illi ghar-rigward tal-ilmenti l-ohra mressqa mis-socjeta' rikorrenti, il-Qorti qablet mal-esponenti li *"ma tressqux l-icken prova lanqas fuq bazi prima facie li dan l-agir qed isir, u di piu' li ghandu jigi addebitat lill-intimati",*

3. Illi l-esponenti, minkejja li din l-Onorabbli Qorti rrevokat il-mandat t'inibizzjoni, qieghed jerga' jgib il-provi tieghu biex jipprova li anke matul il-perjodu li l-mandat ta' inbizzjoni kien milqugh provizzorjament minn din l-Onorabbli Qorti, l-istampa fattwali tac-cirkostanzi kienet is-segwenti, u prova ta' dan hemm id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Marzu 2017, li permezz taghha din il-Qorti tat ragun lill-esponenti u rrevokat il-mandat t'inibizzjoni:

   a. Illi l-qtugh ta' l-access tar-rikorrenti ghall-email accounts ta' Chestertons Gzira ma sarx mir-rikorrenti imma minn Darren Muscat ta' Core3, u dan stante li war li nterpella lis-socjeta' rikorrenti sabiex thallas u din baqghet

inadempjenti, Darren Muscat ha l-mizura li jaqta' is-sistema la darba ma thallasx tas-servizzi tieghu;

b. Illi l-esponenti jichad li kkuntattja lill-haddiema, agenti u fornituri ta' servizzi biex johloq hsara fin-negozju, u li l-esponenti kkuntattja biss wiehed mill-haddiema sabiex jinfurmah x'qieghed jigri fin-negozju kif kellu dritt li jaghmel;

c. Illi l-emendar tas-sit elettroniku sehh sabiex ikomplu jinxterdu l-proprjetajiet tal-kumpanija bhala att tan-negozju u mhux att li jppregudika l-interess tar-rikorrent;

d. Illi l-esponenti sar jaf li s-socjeta' rikorrenti qed taghmel *re-routing* tan-negozju u fil-fatt ezempju ta' dan hu Letting agreement datat 18 ta' Jannar 2017, u dan b'infrazzjoni tal-obbligazzjonijiet taghha versu l-esponenti;

e. Illi mhux minnu li l-esponenti xerred qlajjiet u nformazzjoni qarrieqa rigward is-socjeta' rikorrenti, imma tajjeb li wiehed jghid, b'zieda ma' dan li qed tigri informazzjoni li xi haddiema qed jithaddmu minghajr il-permessi necessarji, b'dan illi n-negozju jista' jigi espost ghall-proceduri legali u gudizzjarji minhabba l-agir tas-socjeta' rikorrenti;

f. Illi ma huwiex minnu li l-esponenti qieghed jaghmel hsara deliberata fin-negozju ta' Chesterton's Gzira, imma ghall-kuntrarju hija s-socjeta' rikorrenti li permezz ta' website *Infinitas Property Investments,* hi l-istess socjeta' rikorrenti li qieghda taghmel hsara deliberata billi qed taghmel *re-routing* tan-negozju u b'dannu irreparabbli lill-esponenti;

g. Illi jrid jinghad ukoll li ghar-rigward tal-allegat tichid tal-'email accounts' kif ukoll fl-allegat tixrid tal-informazzjoni ma ngabet l-ebda prova dokumentarja sabiex tissustanzja dawn l-allegazzjonijiet u b'hekk bil-mankanza tal-evidenza skjaccanti, in-natura ta' dawn l-allegazzjonijiet

ma jistghu qatt jigu attribwiti ghat-tichid tal-jeddijiet prima facie b'mod li huwa irrimedjabbli;

h. Illi s-socjeta' rikorrenti kisret klawzola 4.1 tal-ftehim billi fethet grupp fuq facebook indipendenti kif ukoll 'landing home pages' differenti. Inoltre, is-socjeta' rikorrenti qassmet materjal promozzjonali kif ukoll irreklamat il-propjetajiet taghha minghajr il-kunsens tal-esponenti u dan ukoll bi ksur tal-istess artikolu;

i. Illi membru mill-kumpanija tas-socjeta' rikorrenti ghaddiet kummenti fuq il-pagna li skreditaw in-negozju tal-esponenti u dan bi ksur tal-klawzola 5.1 tal-ftehim li jistabilixxi li *"The Licensee shall not do, or omit to do, or permit to be done, any act that will or may weaken, damage or be detrimental to the Mark or the reputation or goodwill associated with the Mark or the Licensor, or that may invalidate or jeopardise any registration of the Mark."*;

j. Illi di piu', is-socjeta rikorrenti ukoll naqqset milli tonora l-obbligi taghha imposti fi klawzola numru 6.4 tal-istess ftehim billi ppublikat avvizi minghajr ebda linji gwida rrilaxxati u mhux kif jirrikjedi l-kuntratt;

k. Illi wara li naghtat n-*notice of termination,* rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti bdew jiktbu b'mod dispreggjattiv fil-konfront ta' Christopher Pace;

4. Illi la darba ma tressqitx lanqas l-icken prova, lanqas fuq bazi *prima facie,* li l-esponent ikkaguna xi hsara lin-negozju ta' Chesterons Gzira, allura l-esponenti qatt ma seta' jew jista' jigi misjub b'xi mod hati ta' disprezz ghall-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kaptilu 12;
5. Illi jigi rilevat bir-rispett li ma rrizultawx ir-rekwiziti necessarji ghall-hrug tal-mandat ta' inbizzjoni mitlub mis-

socjeta' rikorrenti, u dan kif affermat mid-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u in vista tad-decizjoni tal-istess Qorti li *"fil-kaz odjern huwa indiskutibbli li s-shubija ntemmet u l-perjodu ta' tliet xhur stipulat fil-Ftehim huwa ntiz sabiex is-socji juzaw iz-zmien biex jaghmlu l-konteggi bejniethom. Ir-rikorrenti PIGL ma jistax jippretendi li kollox huwa business as usual billi l-uzu tat-Trade Mark Chesterton m'ghadux disponibbli ghalih";*

6. Illi l-istess Qorti kkonkludiet li s-socjeta' rikorrenti ma urietx fl-atti tal-mandat li *"l-intimati kienu qed jagixxu abbuzivament"*, irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-14 ta' Frar 2017 u cahdet it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni stante li ma jirrizultax l-elementi mehtiega bil-Ligi fil-fatt u fid-dritt;
7. Illi fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor Imhallef Joseph R. Micallef, fl-ismijiet Registratur tal-Qrati vs Carmelo sive Charles Ellul tat-30 ta' Jannar 2003, il-Qorti, fost ohrajn, ghamlet riferenza ghall-fatt li l-ordni tal-Qorti jiswa sakemm dan *"ma jithassarx b'ordni iehor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti ohra"*, kif gara fil-kaz prezenti;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u la darba gie revokat il-mandat t'inibizzjoni, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, tiddikjara u tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u cioe' li esponenti ma hux hati ta' xi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, sewwa sew, ghax l-esponenti ma kiser l-ebda obbligu, u dan kif ikkonfermat mill-istess Qorti, u ghalhekk l-esponenti qatt ma seta' jikser jew kiser l-awtorita' tal-Qorti ghax dejjem mexa fil-parametri tal-ligi.

> Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

B'riserva ta' kull azzjoni ta' dan spettanti lill-esponenti.

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Lulju, 2023 ir-rikors fl-atti tal-mandat gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kaz odjern jikkonsisti f'talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tordna li jittiehdu passi fil-konfront tal-intimati ghal disprezz stante li r-rikorrent jsostnu li l-intimati agixxew b'disprezz fil-konfront tal-Awtorita' taghha wara li fl-14 ta' Frar, 2017 din il-Qorti diversament preseduta laqghet provizorjament mandat ta' inibizzjoni fil-konfront taghhom u skont ir-rikorrenti, nonostante dan, l-intimati baqghu ghaddejjin bl-agir li kienu inibiti provizorjament milli jaghmlu.

L-intimati da parti taghhom jsostnu li ma ghamlu l-ebda mill-agir sostnut fil-perjodu msemmi u jinsistu wkoll li effettivament nhar it-13 ta' Marzu, 2017 dik l-istess Qorti rrevokat id-digriet provizorju taghha tal-14 ta' Frar, 2017 u cahdet il-mandat ta' inibizzjoni mitlub.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni fejn permezz tad-digriet provizorju tal-Qorti diversament preseduta nhar l-14 ta' Frar, 2017 l-intimati gew inibiti provizorjament kif isegwi:

'Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieg izomm l-intimat milli
(i) Ikomplu, b'mod abbuziv u minghajr ebda awtorita', jaqtghu l-acéess tar-rikorrenti ghall-'email accounts' ta' Chestertons Gzira; (ii) Ikomplu, b'mod abbuziv, jikkuntattjaw lill-haddiema, agenti u fornituri tas-servizzi tar-rikorrenti u ta' Chestertons Gzira Ltd (C76731), fejn dan il-kuntatt ikun intiz biex johloq hsara fin-negozju ta' Chestertons Gzira, u jhajjar lill-istess haddiema, agenti u fornituri tas-servizzi biex ma jkomplux joffru s-servizzi taghhom lir-rikorrenti u minflok joffruhom lill-intimati; (iii) Ikomplu jemendaw is-sit elettroniku ta' Chestertons Gzira b'mod li jippregudika serjament 1-interessi tar-rikorrenti; (iv) Ikomplu jxerrdu qlajjiet u informazzioni garrieqa rigward ir-rikorrenti u l-azzjonisti tar-rikorrenti; (v) Ikomplu, b'kull mod possibli, jaghmlu hsara deliberata fin-negozju ta' Chestertons Gzira, u fis-sehem u l-interess tas-socjetajiet rikorrenti f Chestertons Gzira.'

Rat ukoll li permezz ta' digriet datata it-13 ta' Marzu, 2017 din il-Qorti diversament preseduta, wara li rrevokat id-digriet provizorju taghha tal-14 ta' Frar, 2017 ghaddiet sabiex tichad il-mandat mitlub.

Illi jirrizulta ghalhekk li l-analizi li trid taghmel din il-Qorti mill-provi fl-atti (liema atti din il-Qorti kif preseduta tqis li twalu wisq fuq sitt snin meta kellhom jigu konkluzi fi ftit seduti) huwa jekk l-intimati ghamlux xi atti kif fuq deskritti bejn il-hin li gew notifikati bid-digriet provizorju nhar l-14 ta' Frar, 2017 u r-revoka tal-istess

digriet minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-13 ta' Marzu, 2017.

Illi minn dak li rat din l-Qorti fl-atti, bhala prova ta' tali agir, ir-rikorrenti esebew 'screen shots' tal-websajt in kwistjoni datati 4 ta' Frar, 2017 u konsegwentement dawk datati 19 ta' Frar, 2017 (fol. 26 et seq tal-process) u x-xhud rapprezentant tar-rikorrenti Rudolph Bronkhurst jixhed fl-atti li bejn l-4 ta' Frar, 2017 u d-19 ta' Frar, 2017 kien hemm bdil fil-'websajt'. Mill-atti jirrizulta lil Qorti li effettivament kien hemm xi bdil pero' dan seta sar fi kwalunkwe data bejn l-4 ta' Frar, 2017 u d-19 ta' Frar, 2017 u dan jammettih l-istess rapprezentant tar-rikorrenti in kontro-ezami. F'kaz li dawn l-emendi saru qabel in-notifika tad-digriet provizorju tal-Qorti datata 14 ta' Frar, 2017 allura ma jistax ikun hemm lok ta' disprezz kif qed isostnu r-rikorrenti.

Il-Qorti rat fl-atti id-diversi drabi li xehed Darren Muscat fejn huwa ghall-ewwel ma kienx cert li l-emendi fil-'websajt' sarux nhar it-13 ta' Frar, 2017 jew l-14 ta' Frar, 2017 fuq struzzjonijiet ta' rapprezentanti tal-intimati izda fl-ahhar xhieda tieghu kkonferma li l-emendi kienu saru nhar it-13 ta' Frar, 2017 cioe' meta l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kienu ghadu lanqas gie ntavolat. Dwar il-kwistjoni tal-'e-mails' mill-atti ma rrizultatx id-data meta dan sar xi emendi dwarhom u minn min ghalhekk ma tessqitx prova sufficjenti.

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta li mill-atti ma tressqu l-ebda provi konvincenti li juru li l-intimat agixxew b'disprezz fil-konfront tad-digriet provizorju ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 14 ta' Frar, 2017 w'ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi l-Qorti wkoll ma tistax ma tirrilevax li dawn il-proceduri setghu facilment jigu risolti billi fil-mument li d-digriet provizorju gie revokat u l-mandat michud, li r-rikorrenti stess icedu dawn l-atti stante li huwa car li l-insistenza fuqu kienet wahda frivola u vessatorja ghall-ahhar b'hela ta' hin siewi tal-partijiet tul sitt snin shah u tal-Qrati. Ghalhekk l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Gunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2024**